MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34/2017

L-Erbgħa 31 ta' Lulju 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

34.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

34.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 33/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

34.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

34.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

34.3.1 Is-Sindku għamel dikjarazzjoni li kien hemm problema fis-sistema tal-*live streaming*. Irriżulta li l-pubbliku kien jista jsegwi permezz tal-*camera* pero' d-diskors ma kienx qed jinstema. Jidher li kienet ħsara teknika u ser tiġi rimedjata.

34.3.2 Is-Sindku semma l-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex fit-13 ta' Lulju. Kienu preżenti s-Sindku, d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsilliera S Grech u M Saliba, Chairperson tal-KAM. Is-suġġett ewlieni ta' din il-laqgħa kien dwar it-tindif ta' Marsalforn. Fl-istess laqgħa l-Kunsill ġie mitlub jidentifika lista ta' toroq l-aktar urġenti sabiex jiġu asfaltati. Il-Kunsill qabel fuq dawn it-toroq:

- Triq Għajn Mhelhel;
- Triq is-Sagħtrija;
- Triq Wied l-Infern;
- Triq Ta' Milied;
- Triq Ta' Ċenċ.

34.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sar il-kuntratt tal-kiri tal-Uffiċini tal-Kunsill għand in-Nutar Paul George Pisani u dan qiegħed għat-terminu ta' sena li jiġġedded għal tlett snin.

34.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Assistent Uffiċjal Prinċipali, s-Sinjura Micheline Cutajar, bdiet taħdem fis-Segretarjat Privat tal-Ministeru għal Għawdex b'effett mill-1 ta' Lulju 2017. Huwa qal illi fit-30 ta' Ġunju rċieva telefonata tard wara nofsinhar fejn infurmatu li mill-għada kienet ser tibda taħdem il-Ministeru għal Għawdex. Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill illi Ms Cutajar għandha tiġi kkunsidrata li hija fuq *unpaid leave* u l-Kunsill jista jimpjega persuna oħra fuq il-bażi *back-to-back*. Il-Viċi-Sindku qal illi Ms Cutajar qabdet u telqet u ħalliet lill-Kunsill lampa stampa, il-Kunsill m'għandux jaċċetta l-bażi tal-*back-to-back*. Chev. Saliba qal illi mhix aċċettabbli li Ms Cutajar taqbad u titlaq b'sempliċiment telefonata u mingħajr *handover*. Ma jistax jifhem kif impjegata tal-Kunsill tista titlaq u tmur taħdem fil-Ministeru bil-possibilita li tiġi lura meta trid hi. Chev Saliba qal illi llum qegħdin f'sitwazzjoni ta' *management by crisis*. Il-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni li 80 siegħa xogħol ta' żewġ impjegati jsiru minn *part timer* li taħdem 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Huwa tenna li hemm bżonn urġenti li ssir xi ħaġa dwar dan. Il-Kunsill qabel illi jibda l-proċess sabiex jimpjega persuna fuq bażi *back-to-back*. Chev C Saliba ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel illi jerġa jaħtar lil J Cassar għal perjodu ta' 90 jum ieħor bħala Deputat Segretaju Eżekuttiv.

34.3.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni t'artiklu li deher fuq The Malta Independent bis-suġġett 'Fine for illegal crane less than for throwing a cigarette butt on the ground' fejn ġie kkuntattjat il-Viċi-Sindku biex jagħti l-veduti tiegħu. Il-Viċi-Sindku qal illi huwa ma kienx jaf illi ser iċemplulu u li għamel għamlu għall-ġid tar-residenti u t-turiżmu f'pajjiżna. Is-Sindku kkritika lill-ġurnalist illi kellem tlett Sindki oħra u flok ma tkellem mas-Sindku jew maċ-Chairperson ta' Marsalforn tkellem mal-Viċi-Sindku. Chev C Saliba staqsa lill-Viċi-Sindku jekk saqsiex lill-ġurnalist kienx kellem lis-Sindku. Il-Viċi-Sindku wieġeb fin-negattiv.

34.3.6 Saret laqgħa l-Ministeru għal Għawdex dwar il-ħaddiema li l-Kunsill talab għalihom biex jagħmlu xogħol f'Marsalforn. Is-Sindku qal illi l-Enġ. Bajada dawwar l-argument fejn ta' l-impressjoni li s-Sindku mar jirraporta l-ħaddiema. Huwa sostna li mar għall-laqgħa biex jitlob għall-ħaddiema u mhux biex jirrapurtahom.

34.3.7 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi l-Bord għall-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun kompost minn dawn il-membri:

- William Sultana - Chairperson;
- Membri – Rita Mifsud Attard, Lucienne Haber, Noel Formosa u s-Sindku;
- Segretarju tal-Bord – id-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.4.1 Chev C Saliba tkellem dwar il-punt li s-Segretarju Eżekuttiv ma tatx *hand over*, minkejja li l-Kunsill ħallasha l-*maternity leave*. Skont il-PSMC kellha l-obbligu li tirrifondi lura l-flus li tħallset żejda. Il-Kunsill qabel illi jieħu parir legali dwar dan.

34.4.2 Chev C Saliba nforma li l-applikazzjoni tal-*Europe for Citizens* ġiet aċċettata. Huwa ġab kwotazzjoni ta' €7,020 għall-akkomodazzjoni bejn il-25 u t-28 t'Ottubru 2017 fil-Lukanda Calypso ġewwa Marsalforn. Ser jieħdu sehem 45 persuna u ser jiġu alloġġjati f'15 kamra doppja u 5 kmamar tripla. Chev Saliba qal illi l-flus li għandna allokati fuq dan il-proġett mhux ser iservu, għaldaqstant sar qbil illi jiġu kkuntattjati ta' Lanuvio biex tinġabar id-differenza minn kull persuna li ser tipparteċipa. B'hekk dan il-proġett ma jkunx ta' piz finanzjarju għall-Kunsill.

34.4.3 Il-Viċi-Sindku sostna li l-ħaxix li jinqata mill-ħaddiema għandu jinġabar peress li qed jitħalla maqtugħ fil-ġenb tat-toroq u qed jagħti dehra kerha. Il-Kunsill qabel illi meta titlesta triq mill-qtugħ tal-ħaxix jinġabar permezz ta' trakk. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-kuntrattur R. Axiaq inaddaf Wied l-Infern u jiġbor dak maqtugħ minn Triq Għajn Mhelhel.

## 34.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

34.5.1 Ċirkulari Nru. 17/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea WiFi4EU.

34.5.2 Ċirkulari Nru. 18/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Policy Guideline dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali.

34.5.3 Ċirkulari Nru. 19/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Streaming tal-Laqgħat online u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-Internet.

34.5.4 Korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel illi jagħmel parti minn Triq Għar Qawqla b'dawn il-fondi.

34.5.5 Ċirkulari AKL 41/2017 - Prijoritajiet fil-Qasam tal-Gvern Lokali għas-Sentejn li ġejjin.

34.5.6 Ċirkulari AKL 42/2017 - Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta' attivitajiet.

34.5.7 Ċirkulari AKL 43/2017 - Jitħabbru l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobiltà.

34.5.8 Ċirkulari AKL 44/2017 - Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera.

34.5.9 Ċirkulari AKL 45/2017 - European Mobility Week: 16-22 September; European Day without a road death (EDWARD).

34.5.10 Ċirkulari AKL 46/2017 - Inizjattiva MCCF.

34.5.11 Ċirkulari AKL 47/2017 – Ġbir u mmaniġġjar ta' l-Iskart.

34.5.12 Ċirkulari AKL 48/2017 – Ġbir ta' formoli.

34.5.13 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza dwar Dokument proposti swieq fil-beraħ u Dokument Proposti *Tables & Chairs* – Konsultazzjoni.

34.5.14 Dwar id-*double yellow lines* fi Triq Skapuċċina Transport Malta talbet pjanta dettaljata li tkun tindika l-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara rapport.

34.5.15 Korrispondenza mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-fondi tal-*Urban Improvement Fund*. L-ammont allokat għaż-Żebbuġ huwa €68,078.93. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn il-fondi jintużaw sabiex isir *gym* fil-Playing Field taż-Żebbuġ u l-Kunsill qabel. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi mitlub biex jagħmel *sketch* u stima tal-proġett. Il-Viċi-Sindku ppropona li waqt li jkun qed isir ix-xogħol titranġa l-

problema tal-ilma li hemm fil-*Playing Field* u qed tagħmel ħafna ħsara fil-*club* tal-*football*. Il-Kunsill qabel.
Dwar l-iżvilupp PA/07033/16 fir-raba' ta' Dun Wistinu, il-Perit Edward Scerri bagħat il-veduti tiegħu. Fost l-oħrajn qal illi fl-opinjoni tiegħu l-applikazzjoni qatt ma kien messha ġiet aċċettata għall-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsill qal illi l-permess issa ħareġ u ma jista jsir xejn

34.5.16 Dwar l-iżvilupp PA/01398/17 fi Sqaq Anton Mallia, il-Perit Edward Scerri nforma lill-Kunsill illi daħlu pjanti ġodda. Huwa ma rax tibdil sostanzjali u għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jibqa bl-istess deċiżjoni li kien ħa qabel dwar din l-applikazzjoni.

34.5.17

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| George Borg<br>Għal attivita` soċjali nhar<br>it-Tlieta 1 t'Awwissu 2017<br>fix-Xwejni. | Approvata. |
| Soċjeta Filarmonika Santa Marija<br>Għal attivita` soċjali nhar<br>il-Ġimgħa 4 t'Awwissu 2017<br>fi Triq Mons. De Piro. | Approvata. |

34.5.18 Ilment 38/2017 – is-Sinjura R. Sultana
Issuġġeriet illi jsir *patching* fi Triq is-Sagħtrija. Il-Kunsill qabel illi jordna l-*patching* neċessarju skont it-*tender*.

34.5.19 Ilment 39/2017 – Fr. J. Vella
Talab biex jinqata l-ħaxix fi Triq Ċaqra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi dan ix-xogħol huwa lest.

34.5.20 Ilment 40/2017 – is-Sur V. Cini
Ilmenta biex isir *culvert* ġdid fi Triq il-Kaċċaturi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi dan ix-xogħol sar minn P Caruana peress li kien perikoluż u kien diġa kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti li jsir. Huwa nforma li ma sabx gradi tal-konkos kif kien deċiż.

34.5.21 Ilment 41/2017 – is-Sinjura E. Cini
Talbet biex issir bankina mad-dar tagħha fi Triq ta' Milied. Il-Kunsill qabel illi din il-bankina ssir mill-kuntrattur tal-bankini.

34.5.22 Ilment 42/2017 – il-Kunsilliera S Grech
Talbet biex issir *swimming zone* fil-bajja ta' ħdejn il-piċċ tal-boċċi u tabella minħabba l-mewġ perikoluż. Il-Kunsill qabel.

34.5.23 Ilment 43/2017 – Contracts Manager
Hemm bżonn li jsir ċint fix-Xwejni faċċata malli tinżel minn Triq Għajn Mhelhel minħabba riskju li jew jaqa' xi ħadd jew tibqa dieħla karozza. Il-Kunsill qabel illi jitlob lid-Direttur tax-Xogħolijiet sabiex isir dan ix-xogħol.

34.5.24 Ilment 44/2017 – Contracts Manager
Isir xi tip ta' *culvert* fi Triq ta' Ċenċ li tagħti għal Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsill għandu jiċċekkja l-aħjar soluzzjoni biex tiġi rimedjata din il-problema.

34.5.25 Ilment 45/2017 – is-Sinjura G. Vella
Talbet biex issir tabella imwaħħla mal-proprjeta tagħha fi Triq l-Oniċi biex tinżamm il-paċi u l-ordni pubblika. Dan talbitu peress li ħdejn ir-residenza jkun hemm nies joqogħdu hemm għal vaganzi biss. Il-Kunsill ma qabilx.

34.5.26 Ilment 46/2017 – is-Sur J Grech
Ilmenta biex issir tiswija ta' Triq ta' Ċaqra minħabba l-ħofor li hemm. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

34.5.27 Ilment 47/2017 – is-Sinjorina Judith Zammit
Talbet biex issir mera mar-*roundabout* ta' Dawret il-Virtut u *stop signs* fi Triq San Mikiel għat-traffiku li jkun ġej min-naħa ta' fuq fi Triq Skapuċċina. Il-Kunsill qabel illi minflok *stop signs* jagħmel *give sign* u ssir il-mera.

34.5.28 Ilment 48/2017 – il-Kunsillier Chev C. Saliba
Issuġġerixxa biex jerġa jsir is-*central hanging design* tal-lampa li tinsab f'nofs Pjazza l-Assunta. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja mal-Korporazzjoni EneMalta.

34.5.29 Ilment 49/2017 – is-Sinjura M. Magrin
Sabiex isir *patching* urġenti fi Triq ta' Ċaqra u jinqata l-bużbież. Dan l-ilment kien diskuss fl-ilmenti nri. 39/2017 u 46/2017.

34.5.30 Il-Viċi Sindku ressaq lment sabiex jitneħħa l-ammont ta' ħaxix li hemm fl-inħawi ta' Għajn Quċċat. Il-Kunsill qabel illi jagħmel dan ix-xogħol il-kuntrattur R. Axiaq.

34.5.31 Dwar l-ilment nru. 12/2017 li kien ġie diskuss fil-laqgħa tas-6 t'April 2017 il-Kunsill qabel illi x-xogħol jitwaqqaf.

34.5.32 Ms Gertrude Isabel Formosa lmentat dwar kif qed isir il-parkeġġ fix-Xwejni speċjalment meta jkun hemm vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat.

34.5.33 Il-Viċi-Sindku ressaq ilment sabiex issir bankina mal-proprjeta ta' L. Zammit fi Triq Sagħtrija. Is-Sur Zammit lest li jagħmel a spejjez tiegħu trinka biex jgħaddu l-*wires* tad-dawl minn taħt it-triq. Il-Kunsill qabel illi jagħmel din il-bankina meta titlesta t-trinka.

34.5.34 Fuq suġġeriment tas-Sindku l-Kunsill qabel illi jorganizza ħarġa għar-residenti għall-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija.

34.5.35 Dwar l-i*stand* li saret biex ikun jista jiddendel l-iskart magħha fi Triq Dun Karm Cachia l-Imħallef Galea Debono qal illi din hija llegali fejn qiegħda toħloq inkonvenjent lilu u lir-residenti tal-blokka peress li qed jiġu nies minn bnadi oħra jdendlu l-iskart u oħrajn joħorġuh ħafna ħin qabel ma suppost joħroġ. Chev Saliba qal illi huwa mar fuq il-post u nnota li nies mhux minn dik l-*area* qed idendlu l-iskart mal-i*stand*. Il-Kunsill qabel illi jneħħi l-i*stand* immedjatament.

34.5.36 Il-Kunsill qabel illi jixtri sitt kotba bl-isem'il-patri lebbruż' ta' Chev Tony C. Cutajar għall-librerija għall-prezz ta' €30.

34.5.37 Prof. Horatio Vella bagħat stima ta' €6400 għall-istampar ta' 500 ktieb li kiteb huwa dwar iż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel illi joħroġ offerta sabiex ikun jista jiġi stampat dan il-ktieb.

34.5.38 l-Viċi-Sindku talab sabiex quddiem ir-residenza ta' L Portelli fi Triq Għajn Mhelhel isir *patching* u tinqata bit-*trencher*. Il-Kunsill qabel illi jagħmel dan ix-xogħol u jiġi nvolut il-Perit tal-Kunsill.

34.5.39 Il-Viċi-Sindku talab ukoll biex jitranġa t-tarmak li hemm merfugħ fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel.

34.5.40 Dwar il-proġett ta' bini fi Pjazza l-Assunta s-Sindku qal li issa li għandhom il-permessi f'idejhom ser jinqala l-porfido tal-bankina biex ikun jista jerġa jitpoġġa xħin jitlesta l-proġett. Sakem jitlesta x-xogħol ser tingħata kisja konkos. Is-Sindku rtira mill-laqgħa peress li għandu nteress. Il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi-Sindku fejn qal illi huwa favur il-proġett u kien hemm qbil illi l-bankina tinqala temporanjament.

34.5.41 Chev C Saliba ssuġġerixxa li l-għerien ta' Abram jinxtegħlu. Il-Kunsill qabel illi jġib stima għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ukoll illi jkellem lill-Perit biex naraw fejn wasal il-proġett tas-sies t'Abram.

34.5.42 Il-Kunsill qabel illi jorganizza l-*Ġostra Water Sports* flimkien mal-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn fit-13 t'Awwissu 2017 bejn 12.00p.m. u s-6.00p.m. Il-Kunsill qabel illi l-ammont għal din l-attivita ma jaqbiżx l-€500.

34.5.43 Is-Sur Lino Chircop ta' Triq Għajn Mhelhel bagħat *e mail* b'ritratti ta' siġra tal-ħarrub li kibret għal nofs it-triq. Il-Kunsill qabel illi jieħu parir mingħand il-Perit jekk jistax jittrimja s-siġra tal-ħarrub u jekk iva tiġi ttrimjata.

34.5.44 Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku l-Kunsill qabel illi titkompla l-parti t'isfel ta' Triq Għajn Mhelhel bil-ħajt tas-sejjieħ.

34.5.45 Chev C Saliba ssuġġerixxa li ssir ħarġa/pellegrinaġġ kulturali nhar l-Erbgħa, 6 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel.

## 34.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti;

### 34.6.1 Tiswija tal-moll fix-Xwejni;

Offerta Nru. 07/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u W. Sultana. Dawn kienu:

- Little Rock Quarry Ltd. - €38,198.75 (Vat eskluż);
- Jason Gauci - €15,650.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Little Rock Quarry Ltd. peress li kienet l-offerta

teknikament valida u sodisfaċenti, u l-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll illi għalissa jitneħħa l-periklu u x-xogħol isir aktar 'l quddiem.

34.6.2 **Manutenzjoni tal-piċċ tal-futbol biswit l-Iskola Primarja;**
Offerta Nru. 08/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju 2017 f'nofsinhar fil-preżenza ta' C. Cassar u W. Sultana. Dawn kienu:

- Three Eight Nine Company Limited - €9900.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Three Eight Nine Company Limited u l-Kunsill qabel unanimament illi jagħti biss l-ewwel parti tal-offerta li tammonta għal €4400.00 (Vat eskluż), peress li dik hi n-neċessita bħalissa.

34.6.3 **Manutenzjoni u stallazzjoni ta' tinda tal-ħadid galvanizzat fil-piċċ tal-boċċi fi Triq Mons. De Piro;**
Offerta Nru. 09/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tas-Sindku, l-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Little Rock Quarry Ltd. - €7701.60 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Little Rock Quarry Ltd. u l-Kunsill qabel unanimament.

34.6.4 **Traqqiegħ bil-*cold* u l-*hot asphalt*;**
Offerta Nru. 10/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Road Construction Co. Ltd. - €503.50 (Vat eskluż);
- Gatt Tarmac Ltd. - €509.70 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Road Construction Co. Ltd. u l-Kunsill qabel unanimament.

34.6.5 **Servizz ta' Perit;**
Offerta Nru. 11/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Perit Edward Scerri - €2330.00 (Vat eskluż);
- Robert Grech - €2925.00 (Vat eskluż);
- Perit Mario Cordina - €3300.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Perit Edward Scerri u l-Kunsill qabel unanimament.

Offerta Nru. 12/2017 Tindif u żamma tal-playing field taż-Żebbuġ, il-*promenade* tal-Qbajjar u Ġnien Serħan is-Sagħtrija ġiet ikkanċellata minħabba li ma kenitx konformi mal-kriterji tal-Green Public Procurement (GPP). Il-Kunsill qabel illi din l-offerta terġa toħroġ mill-ġdid.

34.6.6 **Manifattura u stallazzjoni ta' *composite railing* fi Triq l-Oniċi u Sqaq Anton Mallia;**
Offerta Nru. 13/2017
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali u W. Sultana. Dawn kienu:

- Little Rock Quarry Ltd. - €20923.92 (Vat eskluż);
- Xerri's Landscaping Co. Ltd. - €12980.58 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li din l-offerta tiġi kkanċellata peress li l-irħas offerta valida qabżet il-*budget* allokat u l-Kunsill qabel unanimament illi jerġa joħroġ mill-ġdid din l-offerta.

34.7 Festa Santa Marija 2017;

| | |
|---|---|
| 10 t'Awwissu | L-attivita` tal-logħob għaż-żgħażagħ fi Pjazza l-Assunta (*budget* €500). |
| 11 t'Awwissu | Divertiment għall-familja kollha bis-sehem ta' diversi kantanti fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li nistiednu kantanti mill-lokalita'. Il-Kunsill alloka budget ta' €1,000 għal din l-attivita`. |
| 16 t'Awwissu | Kunċert mill-Banda Santa Marija fi Pjazza l-Assunta €1000. Jieħdu sehem il-Kor Regina Angelorum u l-Kor Santa Marija taż-Żebbuġ. Il-prezz mitlub miż-żewġ korijiet €450. Dan il-prezz kien approvat mill-Kunsill. |
| 17 t'Awwissu | Attivita għall-familja fil-pjazza tal-lokal bil-parteċipazzjoni tal-grupp 'Straitahead'. |
| 18 t'Awwissu | Produzzjoni ta' *feature* dwar l-istorja tar-raħal u l-avvenimenti lokali. L-ispiża biex isir dan il-*feature* €800. |
| 19 t'Awwissu | Tiġrijiet tradizzjonali taż-Żwiemel<br>(budget ta' €1,000). |
| 20 t'Awwissu | Sky Concert<br>(budget ta' €2,000)<br>Ġie deċiż li għall-iSky Concert il-Kunsill jipprovdi servizz ta' trasport. |

Il-Kunsill approva:

- t-tindif tat-toroq fil-ġranet tal-festa jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill bl-istess ammont tas-sena l-oħra;
- il-gabbani/kjosks tal-festa jżommu l-istess posta tas-sena l-oħra.

Is-Sindku qal illi jħossu offiż li ta' kull sena il-*wine festival* li jsir fil-lokalità tan-Nadur qed jaħbat mal-festa tal-lokal.

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;**

**34.8**

34.8.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-pagamenti li kienu ġew miżmuma minnu ta' l-iskeda nru. 18/2016. Id-Dipartiment qal illi hija deċiżjoni tal-Kunsill jekk il-kontijiet jitħallsux jew le u d-Dipartiment mhux ser jidħol responsabbli għall-ebda deċiżjoni meħuda mill-Kunsill u xi danni li jista jsofri l-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi japprova dawn il-kontijiet minbarra dak nru. 80 tal-iskeda nru. 18/2016 ta' Louis Attard peress li l-Ministru għal Għawdex ikkonfermat li ser jitħallas mill-Ministeru tagħha waqt il-laqgħa li saret magħha fil-Ministeru għal Għawdex.

34.8.2 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 25/2017 – DOK A għall-perijodu bejn is-27 ta' Ġunju 2017 u s-27 ta' Lulju 2017 li tammonta għal €94,655.34 kienet approvata u ffirmata.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**34.9**

34.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ħamis 31 t'Awwissu 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 31 t'Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| **Nicky Saliba** | **Josianne Cassar** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |